MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 1158/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Clint Farrugia**
**Andrew Briffa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Clint Farrugia ta’ 21 sena iben Rosario u Emanuela nee’ Zarb, imwieled il-Pieta’ fit-28 ta’ Frar 1987 u residenti Flat 1, Bini tal-Gvern Blk 2, Triq Kelinu Cachia, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0121287(M) u l-imputat Andrew Briffa ta’ 32 sena iben Andrew u Carmen nee’ Cachia, imwieled il-Pieta’ fl-10 ta’ Settembru 1976 u residenti ‘The Weeping Madonna’, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, B’Bugia u detentur tal-karta tal-

identita’ numru 0505376(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fis-7 ta’ Jannar, 2008 ghall-habta ta’ 3.00p.m. waqt li kien qed jigi demolizzat fond fi Triq il-Wizna, s-Swieqi u kien qed isir qtugh ta’ planki minn ma’ l-appoggi, bhala persuni li kienu responsabbli mhux biss li jsir ix-xoghol sewwa, imma li jaraw li jigu mharsa s-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema fuq il-lant tax-xoghol, b’ nuqqas ta’ hsieb, ta’ kont, bi traskuragni, periklu u/jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, u/jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regulamenti, kkagunaw feriti gravi fuq is-Sur Carmelo Schembri (I.D. Card 0513984M) tant li kien fil-periklu li jitlef hajtu, u dan b ksur ta Art. 225, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Lis-Sur Andrew Briffa wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi tal-kaz huwa jitqies fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur tal-Kumpanija Escave Co Limited fl-imsemmija data u fil-imsemmija data u fil-granet ta’ qabel lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas li dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir ai termini tal-Art 61 tal-Att 27 Kap 424 tas-sena 2000, kif ukoll li l-akkuza Andrew Briffa wahdu bhala Direttur tal-Kumpanija Andre Escave Co Limited talli fl-imsemmija data u fil-granet ta’ qabel lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas li jiehu mizuri mehtiega biex jizgura li l-apparat tax-xoghol ghad-disposizzjoni tal-haddiema ikun adatt ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew adatt kif imiss ghall-iskop li jkun ser jintuza mill-haddiema minghajr periklu ghas-sahha u sigurta’ taghhom ai termini tal-Art 3 (1) (a) tal-Avviz Legali 282/04.

1. Bhala min ihaddem skond ma hemm definit f’ Artiklu 2 ta’Att Dwar l-Awtorita’ ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-post tax-Xoghol (Kap. 424) ;

2. Fil-funzjoni tieghu ta’ min ihaddem naqas milli

a) Jaghmel dak kollu necessarju skond kif hemm stipulat f'Artiklu 6 ta' l-Att imsemmi sabiex izzomm livelli tajbin ta' sahha u sigurta' ghall-haddiema tieghu u milli

b) Jaghmel l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li x-xoghol li kien ser isir seta joffri kif hemm miktub f' regolamenti Nru. 6 u 10 tal-A.L. 36 ta' l-2003 Regolamenti ta' 2003 dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru 2008 (esebit *a folio* 18 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li saritilha fis-seduta tat-30 ta' April 2012 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fuq il-post tax-xoghol, precizament fuq sit ta kostruzzjoni fi Triq il-Wizna, Swieqi, fis-7 ta' Jannar 2008 fejn korra serjament haddiem, certu Carmel Schembri. Mill-provi rrizulta li Illi ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu tas-7 ta' Jannar 2008, fi plot 29 fi Triq il-Wizna, is-Swieqi, kien ghaddej xoghol ta' kostruzzjoni konsistenti f'hatt tal-istess fond. Carmelo Schembri, flimkien ma haddiem iehor Jonathan Farrugia, kienu fuq bejt imsaqqaf b'kaptelli ta' slabs ta' 20 pied b'erba' piedi l-wahda, liema slabs kienu qed jigu merfughin permezz ta' hi-up crane li kien jinsab armat fuq platform ta' trakk tal-marka Leyland Daf bin-numru ta' registrazzjoni DBG-429. Dan ix-xoghol ta' hatt kien jinsab fi stadju avanzat billi l-fond kien jinsab mahtut mis-sular ta' fuq kollu u parti sewwa mis-sular ta' taht.

Jirrizulta li waqt li l-imsemmi hi-up kien jinsab bil-jib kollu mahruq mill-erba' partijiet tieghu waqt li kien qed jigi operat mis-sistema manwali minn isfel minn Clint Farrugia li kien qed jipprova jerfa' l-islab imsemmi hemm giet ikkagunata hsara fuq il hi-up konsistenti fi tqaccit mill-irbit tal-jib mill-kolonna bil-flange, liema flange kien jinsab marbut bi tnax il-bold ta' 13mm 'l wiehed li dawn kollha tqacctu u ttajru barra minn posthom. Illi t-tnax il-bolt imsemmija kollha nstabu imtajrin u mqacctin fuq il-post madwar it-trakk. Illi jirrizulta li din il-hsara u cioe it-tqaccit tal-irbit, giet ikkagunata minn krepazzjoni qawwija fuq l-istess jib meta kien qed jigbed biex jerfa' l-islab imsemmi, meta din l-islab minhabba l-piz taghha u l-fatt li din kienet ghadha tinsab imwahhla, ingaljata mal-appogg fuq in-naha tax-xellug, is-sistema tal-irbit ma felhitx il-piz hekk kkrejat.

Mir-rapport tal-espert tekniku il-Perit Richard Aquilina rrizulta li l-incident in kwistjoni gara fuq sit fejn kien hemm garaxx fil-pjan terren kollu b'abitazzjoni fl-ewwel sular, l-ewwel sular kien gie demolit kollu u fil-hin tal-incident de quo kien lahaq inhatt nofs is-saqaf ta' fuq il-garaxx, liema saqaf kien tal-planki. Fuq in-naha tax-xellug dawn il-planki kienu jistriehu fuq qoxra (hajt ma gemb l-appogg) u fin-naha tal-lemin kienu mqabbdin go l-appogg. L-incident sehh waqt li kienet qed tigi mbragata planka li kienet maqtugha mill-appogg tan-naha tal-lemin izda wara rrizutla li ma kinitx maqtugha min-naha tax-xellug. Waqt li l-krejn jew Hilab bin-numru tar-registrazzjoni DBG 427 li kien qed jigi operat mill-imputat Clint Farrugia kien qed jalza l-planka minn fuq in-naha tax-xellug tieghu inqatghu it-tnax il-bolt tal-jib li bihom kien marbut mal-flunge u l-jib mbaghad waqa' fuq is-saqaf tal-planki li kienu qed jinhattu u z-zewg haddiema li kien hemm fuq is-saqaf, u cioe' Carmel Schembri u Jonathan Farrugia intlaqtu bil-jib, fejn Schembri sofra griehi ta' natura gravi filwaqt li Farrugia sofra griehi ta' natura hafifa. Il-kuntrattur responsabbli mix-xoghol kienet is-socjeta' Andre' Escave Company Limited (C21137) fejn l-imputat Andrew Briffa kien direttur u azzjonist ta' din is-socjeta'. Mill-provi rrizulta li l-imputat Andrew Briffa ma kienx fuq il-post meta sehh l-incident. Mill-provi rrizulta wkoll li l-planki kienu qed jinqatghu b'dan

il-mod, fin-naha tal-lemin kien qed jinqata' kanal fil-planka qrib il-hajt u wara dan il-hadid jinqata' bl-acitilena. Wara li ras il-planka tan-naha tal-lemin kienet tkun libera l-planka kienet tinferaq minn dik il-gewwa minnha u dik tigi mbragata u wara tintrefa' bil-Hilab. Kif intqal aktar 'il fuq dakinhar tal-incident fuq il-post kien hemm tlett haddiema, Carmel Schembri u Jonathan Farrugia li kienu fuq is-saqaf tal-garaxx qed jiehdu hsieb il-qtugh tal-planki u li dawn jintrabtu sabiex jintrefghu mill-Hilab u l-imputat Clint Farrugia li kien isfel qed jopera il-Hilab. Mill-provi, u senjatament mix-xhieda tal-istess Carmel Schembri li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2009 in ezami u in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar 2011, irrizulta li kien l-istess Schembri li kien qed jaghmel sinjal lill-imputat Clint Farrugia sabiex dan jibda jopera il-Hilab sabiex tintrefa' l-planka ghaliex il-planka tkun inqalghet u giet marbuta. Mill-provi rrizulta wkoll li l-procedura indikata kienet saret fuq il-planki kollha li kienu lahqu inqalghu dakinhar qabel ma sehh l-incident izda rrizulta wkoll li l-planka li kienet ser tintrefa' kienet ghadha maqbuda mal-konkos ma genbha. Carmel Schembri xehed li huwa ma ndunax li din il-planka kienet maqbuda b'mod differenti mill-ohrajn li kienu gja nqalghu u li kienet ghadha mqabbda u ghalhekk meta huwa ta s-sinjal lill-imputat Farrugia sabiex jibda jopera il-Hilab, il-piz li ntrefa' kien hafna aktar. Mill-provi rrizulta wkoll li l-Hilab kien armat fuq trukk numru DBG 427 li kellu l-outriggers ta' quddiem mahrugin, dawk tal-lemin 32'' u dawk tax-xellug 16''. Il-Jib kien imqabbad mat-turret bi tnax il-bolt ta 15mm u wara l-incident gie kkonstatat li dawn kienu kollha maqtugha. Il-flange ma fejn kienu mqabbda dawn il-bolts kienet hoxna 32 mm u din instabet mibruma mill-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali. Il-bolts li bihom il-jib kien imqabbad mat-turret kienu ta' 15mm (circa 5/8") u dan inqatghu kollha, il-fus li kien idawwar il-Jib kien ta' 7.5cm jew 3" u dan tghawweg. Il-cable, li kien ohxon 7mm, baqa' shih. Il-flange tat-turret kienet ta' 3.2cm (1 ¼") u din instabet mibruma. Il-planka kienet 21'0" x 4'0" u 7" hxuna u kellha hdax-il toqba ta' 3".

Ikkunsidrat :

Illi dwar dan l-incident saret Inkjesta Magisterjali[1] fejn gew nominati diversi esperti teknici li n-nomina taghhom giet debitament konfermata f'dawn il-proceduri permezz ta' digriet tat-30 ta' April 2009, fosthom il-Perit Richard Aquilina[2] fejn dan ikkonkluda is-segwenti :-

« Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponent, l-incident gara ghax il-*bolts* kienu dghajfa. Dan setgha kien dovut ghall-materjal jew ghal xi qsim fihom li ga' kien hemm qabel fihom."

L-espert mekkaniku Joseph Zammit[3] min-naha l-ohra kkonkluda is-segwenti:-

*"Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh, minhabba uzu u operazzjoni hazina da parti tal-operatur li dak il-hin kien qed ihaddmu, Clinton Farrugia meta baqa' jikkrepa is-sistema u jipprova jerfa' l-islab imsemmi u ma ndunax li dan kien ghadu jinsab imwahhal mir-ras tan-naha tax-xellug.*
*Illi l-esponent jeskludi li dan l-incident sehh minhabba xi difett li kien jinsab fuq dan il-hi up, bhal ma huwa xi hsara fuq is-sistema hajdrolika tal-hi up li biha jahdem, jew xi hsara fuq l-isteel wire, li dan instab kollu shih minghajr ebda forma ta' hsara fuqu."*
Illi f'dawn il-proceduri gie nominat espert tekniku b'expertise fil-metallurgija, l-Engineer Maurizio Fenech bl-inkarigu li jezamina il-bolts li gew elevati minn fuq il-post u li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq u sabiex jaghmel testijiet rigward il-komposizzjoni taghhom, tensile strength u macro-micro test. Fir-rapport tieghu inserit a fol. 78 et sequitur tal-atti processwali l-Engineer Maurizio Fenech ikkonkluda is-segwenti:-

*"Following an in depth analysis, the following conclusions and comments could be presented:*

- *The bolt material is sound, all bolts have the same basic properties and satisfy the requirements of a benchmark 10.9 fastener.*

[1] Process verbal relattiv inserit a fol. 35 tal-atti processwali.
[2] Ir-rapport tieghu jinsab inserit a fol. 30 et sequitur tal-Process Verbal.
[3] Ir-rapport tieghu jinsab isnerit a fol. 6 et sequitur tal-atti processwali.

- *In nearly all the cases, the cracks that lead to eventual failure initiated from the surface of the bolts in the form of high cycle fatigue beachmarks.*
- *The cracks initiated due to presence of corrosion pits on the surface which acted as stress concentrators.*
- *The evidence of high cycle fatigue strongly suggests that the bolts were loaded and unloaded on different occasions and over a large span of time.*
- *The fact that the crack surfaces are clean with no evidence of crevice corrosion signifies that the corrosive attack happened on an occasion prior to routine loading. The crack propagation occurred with the bolts in a state of relative cleanliness, with no corrosive medium such as dew being in direct contact for the rest of the bolt lives.*

*The bolts were not loaded beyond their original design limit on the occasion of their rupture, the presence of deep cracks within the bolts, possible high loads and the failure of any single bolt would put a ripple effect leading to failure of all the other fasteners.*

Ikkunsidrat:

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz b'mod partikolari ir-rapporti mhejjija mill-esperti teknici mahtura fl-Inkjesta Magisterjali kif ukoll ir-rapport tal-espert tal-metallurgija mahtur f'dawn il-proceduri din il-Qorti setghat tikkonstata li jezisti dubju jekk l-incident de quo effettivament sehhx minhabba difett mekkaniku fil-Hilab konsistenti f'nuqqas ta' maintenance adegwat li wassal sabiex il-bolts li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq ikunu dghajfa, kif qed issostni l-Prosekuzzjoni jew altrimenti li l-incident sehh kif qed issostni d-Difiza u cioe' ghaliex il-parti leza Carmel Schembri ma ndunax li l-planka ma kinitx maqtugha minn mal-hajt u ghalhekk meta ta l-istruzzjonijiet lill-imputat Clint Farrugia sabiex dan jibda jerfa' il-planka bil-Hilab u peress li l-planka kienet ghadha mwahhla mal-hajt, il-Hilab spicca sabiex kien qed jerfa' piz ferm akbar minn dak li kien intiz ghalih. Min-naha wahda l-espert tekniku il-Perit Richard Aquilina jissuggerixxi li l-incident sehh ghaliex il-bolts kienu dghajfa u min-naha l-ohra l-espert mekkaniku Joseph Zammit jeskludi kategorikament li l-incident seta'

sehh minhabba difett mekkaniku fil-Hilab izda jatribwixxi r-responsabilita’ lill-operatur tal-istess Hilab u cioe’ lill-imputat Clint Briffa u jsostni li l-incident sehh minhabba nuqqas ta’ attenzjoni da parti ta’ dan tal-ahhar. In kwantu jirrigwarda il-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Richard Aquilina il-Qorti setghat tikkonstata li huwa wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet minghajr ma effetwa ezamijiet teknici sabiex jistabilixxi il-materjal li minnu kienu maghmulin il-bolts u d-durability taghhom u ghalhekk thoss li ma tistghax tistrieh fuq dawn il-konkluzjonijiet. Min-naha l-ohra l-Qorti l-anqas ma thoss li tista’ taderixxi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert mekkaniku Joseph Zammit stante li dan filwaqt li eskluda kategorikament li seta’ kien hemm xi difett mekkaniku fil-Hilab li wassal ghall-incident atribwixxa r-responsabilita’ ghall-istess incident lill-operatur tal-Hilab Clint Farrugia meta mill-provi li semghat din il-Qorti, b’mod partikolari mix-xhieda tal-istess vittma Carmel Schembri, jirrizulta ampjament u minghajr dubju li l-imputat Farrugia kien qed jopera il-Hilab u jibda’ jerfa’ l-planki biss wara li jkun ircieva l-istruzzjonijiet u nghata l-go ahead minghand l-istess Schembri. Irrizulta fil-fatt li Farrugia ma setghax jara x’kien qed jigri fuq il-bejt u inoltre l-istess Schembri jghid car u tond li l-incident sehh tort tieghu ghaliex fil-mument li huwa ta l-istruzzjonijiet lil Farrugia sabiex jibda jerfa’ l-planka huwa ma kienx induna li l-planka kienet ghadha mwahhla mal-hajt. Il-Qorti tirrileva f’dan ir-rigward li fis-sottomissjonijiet finali minnha maghmula l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputazzjonijiet ma kienux jissussistu fil-konfronti tal-imputat Farrugia u li hija kienet qed tirtira l-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-konkluzjonijiet raggunti mill-espert l-Engineer Maurizio Fenech fejn dan qal li l-bolts kienu maghmula minn materjal sod izda qal ukoll li minn testijiet kimici u wara li sar microstructure analysis bl-uzu ta’ optical and electronic microscopy seta’ jikkonstata li kien hemm corrosive cracks fl-istess bolts. Il-Qorti izda thoss li dawn il-konstatazzjonijiet ma jistghux iwasslu ghall-konkluzjoni li l-imputat Andrew Briffa naqas milli jassigura s-sigurta’ tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Dan jinghad ghaliex mic-certifikat rilaxxjat mill-

Engineer Mario Magri[4], liema certifikat gie rilaxxjat fit-3 ta' Settembru 2007, u cioe' biss ftit xhur qabel ma sehh l-incident de quo, jirrizulta li l-Hilab in dizamina kien in good working condition. Fl-imsemmi certifikat fil-fatt insibu s-segwenti:-

*"REMARKS:*
*a) Chassis has been re-inforced from front axle to end*
*b) A fourth axle has been added to this truck.*
*c) The rear axles have been shifted backwards for better load distribution.*
*d) Two additional air-resevoirs have been installed to cater for the added braking power required for the truck.*
*e) The front leaf springs where also re-inforced.*

*After having inspected the above mentioned vehicle I can say that at present the TIPPING TRUCK is in good working condition and is such is suitable for working provided it does not exceed the above mentioned capacity (Including braking system).*

*Also, on condition that the necessary periodic inspections are performed to keep vehicle in present working conditions and under continuous general daily inspections.*

*This vehicle complies with the Motor Vehicle Regulations 1996 and to the Product Safety Act L.N. 95 of 2002."*

Tenut kont tal-fatt li dan ic-certifikat gie rilaxxjat minn Engineer indipendenti li ma kellu l-ebda konnessjoni mal-imputat Andrew Briffa, tenut kont tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-Engineer Mario Magri huwa wiehed mill-persuni teknici approvati mill-Occupational Health and Safety Authority sabiex jirrilaxxjaw dawn it-tip ta' certifikati u tenut kont tal-fatt li l-corrosive cracks riskontrati mill-Engineer Maurizio Fenech irrizultaw biss minn testijiet kimici u mikroskopici akkurati u ghalhekk ma kienux vizibbli to the naked eye, il-Qorti thoss li ma jistghax jitqies li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat Andrew Briffa naqas

[4] Inserit a fol. 44 tal-atti processwali.

milli jipprovdi a safe place of work lil haddiema tieghu ghaliex provda makkinarju difettuz. Il-Qorti tirrileva li la l-espert mekkaniku Joseph Zammit u l-anqas l-Engineer Mario Magri ma kkonstataw dawn il-corrosive cracks fil-bolts. Wiehed ghalhekk ma jistghax jippretendi li l-imputat Briffa seta’ jikkonstata dawn il-cracks u meta wiehed iqis li huwa strah fuq ic-certifikat rilaxxjat minn persuna teknika u approvata mill-OHSA dwar il-kundizzjoni tajba ghax-xoghol tal-Hilab, il-Qorti thoss li ma tisghax tqis li l-istess imputat Briffa naqas mill-obbligi legali tieghu li jipprovdi a safe place of work.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Andrew Briffa mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet. Stante li l-imputazzjoni migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat Clint Farrugia giet irtirata mill-istess Prosekuzzjoni l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni fil-konfronti tal-imputat Clint Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------